# Memorji minn Tfuliti

**Leonard Agius**

*Leonard Agius jirrakkonta aneddotti ta' interess etnografiku ta' tfulitu ġewwa Ħal Kirkop lejn nofs is-seklu 20. Wieħed japprezza l-ħajja sempliċi magħġuna ma' twemmin sod li kien iħalli riperkussjonijiet fuq il-ħajja ta' kuljum. Naraw aspetti mill-ħajja Koppija hekk kif għixhom l-awtur li permezz ta' dan l-artiklu jiddokumenta l-memorji tiegħu.*

Fi ċkuniti t-tagħlim tad-duttrina kien isir fil-knisja. Ma kienx hawn MUSEUM u l-anqas sorijiet. Li kien hawn kienet għaqda ta' xebbiet imwaqqfa minn Dun Frangisk Xuereb. Din l-għaqda kien jisimha **Figli di Maria**. Dawn ix-xebbiet kienu jieħdu ħsieb it-tagħlim tad-duttrina kemm tal-bniet kif ukoll tas-subien. Din l-għaqda kellha bandalora l-ġmiel tagħha b'rakmu tad-deheb bi xbieha tal-Madonna fejn għadha teżisti sal-lum u tkun esposta fil-festa ta' San Leonardu. Dawn ix-xebbiet barra li kienu jgħallmu d-duttrina kienu jieħdu sehem b'din il-bandalora fil-purċissjoni ta' Corpus u kienu jilbsu faxxa ċelesti b'domna tal-fidda bi xbieha tal-Madonna. Il-faxxa ċelesti kienet tintlibes minn xebbiet kbar u taż-żgħar il-faxxa kienet tkun ta' kulur aħdar. Meta għamilt l-Ewwel Tqarbin tiegħi fl-1940, xi ħadd mill-ġenituri jew xi ħadd minn tal-familja kienu jwassluna sal-knisja. Ma kienx hemm l-użanza tal-lum, li l-ġenituri jakkumpanjaw lit-tfal għall-isbaħ festa' ta' ħajjithom. Meta fi żmien il-kappillan Dun Mikiel Spiteri twaqqfet l-Azzjoni Kattolika tax-xebbiet Ċirkolu Santa Bernardetta, ħadu f'idejhom it-tagħlim tad-duttrina u għall-ewwel Tqarbina xi waħda minn dawn ix-xebbiet kienet tilbes libsa bajda bil-mant fuq rasha u terfa' l-bandalora tal-Figli de Maria u timxi quddiem bit-tfal warajha. Ġeneralment din kienet tilbes il-mant għand Marija Grazzja Cassar. Biex wieħed jiftakar aktar faċilment din konna nsibuha bħala Zolli. Marija Grazzja kienet tieħu ħsieb din il-bandalora. Maż-żmien meta ġew is-sorijiet u beda l-MUSEUM tas-subien il-bandalora tal-Figli de Maria ma baqgħetx tipparteċipa fiċ-ċerimonja għall-Ewwel Tqarbina. Anke tal-MUSEUM kellhom oħra li kienet tintrefa' minn xi tfajjel kbir. Ta' min jgħid li meta twaqqaf il-MUSEUM kellu numru sabiħ ta' soċi minn Ħal Kirkop kif ukoll Superjur.



It-tfajla mill-Figli di Maria bil-mant abjad u l-bandalora waqt il-purċissjoni minn Triq San Anard (ritratt Angelo Spiteri)



Il-purċissjoni bit-tfal tal-preċett u l-bandalora tal-Figli di Maria għaddejjin minn Triq il-Kbira fil-ħamsinijiet (ritratt Joe Agius)


It-tfal tal-preċett mal-Kappillan Pawl Pace (1957-60) (ritratt Joe Agius)


Is-subien tal-preċett akkumpanjati mis-soċi tal-MUSEUM fi Triq il-Kbira fil-ħamsinijiet (ritratt Joe Agius)


Is-subien tal-preċett u l-membri tal-MUSEUM bil-bandalora tagħhom biswit iz-zuntier tal-Knisja (ritratt Joseph Buhagiar)


It-tfal tal-preċett maqsumin f'subien quddiem u bniet fl-isfond, fi Triq il-Kbira. Jidhru ż-żewġ bandalori wara xulxin (ritratt Joseph Buhagiar)

## Skola

F'dak iż-żmien ma kellniex uniformi. L-iktar ħaġa importanti kienet li tkun nadif. It-tfal subien konna mmorru l-iskola b'basket taċ-ċaruta b'ċinga tal-istess drapp imdendla ma' dahrna b'żarbun jew papoċċ 'slipper'. Il-bniet kienu jilbsu regolari iżda b'fardal abjad u min kien ikun jista' kien iżejnu fit-tarf tiegħu bi frenza tal-bizzilla. Basket taċ-ċaruta b'żewġ widnejn bħal dak li mmorru nixtru mill-ħanut iżda iżgħar, kemm joqogħdu l-pitazzi u l-kotba. Il-klassijiet kienu mħalltin bniet u subien. Qabel iddoqq il-qanpiena biex nidħlu l-iskola konna noqogħdu nilagħbu fil-Misraħ, is-subien b'xi ballun taċ-ċaruta jew bil-boċċi. L-iskola kienet fejn hemm il-Każin tal-Banda San Leonardu u kien hemm xi klassijiet fejn hemm il-kunvent tas-sorijiet. Jien tgħallimt fihom it-tnejn. Qabel ukoll kien hemm skola tal-Gvern fi Triq Valletta iżda jien qatt ma tgħallimt fiha. Dejjem kien hemm l-għajta li sejra tinbena skola ġdida fl-istess triq iżda din qatt ma saret

ħlief wara l-gwerra, inbniet fi Triq San Benedittu fejn qiegħda llum.



L-iskola pubblika fi Triq San Benedittu ftit wara t-tlestija tagħha (ritratt Joe Agius)

## Il-logħob

F'dawk iż-żminijiet ma tantx kien hawn biex wieħed jilgħab. Is-subien l-iktar li konna nilgħabu kien iċ-ċirku. Dan kien ikun tal-fildiferru jew xi rota tal-*bicycle* mingħajr spozijiet. Logħob ieħor kien l-*iscooter* li kien ikun tal-injam b'roti tal-*ball race*. Dawn ġeneralment kienu jkunu ta' xi ajruplan jew ta' xi magna tal-karozzi. Konna nagħmlu forma ta' tank tal-gwerra minn għatu tal-landa taż-żebbuġ. Dan konna nagħmluh billi l-għatu konna nġibuh forma ta' mina, żewġ bottijiet tal-ħalib bil-fus tal-fildiferru u kien jinġibed bi spaga. Logħob ieħor, konna nagħmlu karru tal-injam. Dan kien iservi biex fuqu nġorru l-ilma bil-bramel jew tank. Ir-roti kienu jkunu ta' xi *pram*. Ta' min ifakkar li f'dawk iż-żminijiet ftit djar kellhom is-servizz tal-ilma, għalhekk konna mmorru fuq l-għajn biex nimlew l-ilma.

Kien hemm logħob tal-istaġun, per eżempju qabel il-Milied tibda tipprepara għall-presepju. Min kien jista' kien jixtri l-pasturi u kien hemm min jagħmilhom hu. Ma kienx jonqos li xi wħud jagħmlu xi knisja żgħira bl-artal, santi u xi statwa. Għall-festa ta' Lapsi kulħadd jaħseb għal bandla. Min kien jagħmilha d-dar billi jorbot il-ħabel ma' xi ħolqa tal-benniena li dak iż-żmien kienet komuni f'kull dar. It-tfal il-kbar kienu jsibu xi ħarruba, jorbtu l-ħabel ma' xi zokk oħxon b'tavla biex joqogħdu bilqiegħda. Fis-Sajf is-subien dilettanti tal-insib kienu jagħmlu l-misqja. Din kienet tkun ħawt tal-ġebel mimli bl-ilma biex meta l-għasfur jinżel jixrob jaqleb ix-xibka fuqu. Barra l-insib tal-għasafar konna nonsbu għal wrieżaq (jew kif inhuma magħrufin Ħal Kirkop zerzier). Għal dan konna nagħmlu xkora ftit imxarrba. Ġol-għalqa werżieq kien ikun ġo bott bit-toqob, inqiegħduh ħdejn l-ixkora u meta jidlam il-werżieq jibda l-għajta tiegħu u għalhekk jiġu oħrajn taħt l-ixkora u filgħodu kmieni konna mmorru naqbdu dawk li jkunu taħt l-ixkora.



Tfal Koppin bit-trabokki u logħob sempliċi tagħhom (ritratt Jeremy Boissevain)

Xi ħaġa oħra li ta' tfal li konna nistennew kienet il-ħuġġieġa ta' San Ġwann. Din kienet issir fl-okkażjoni tal-festa ta' San Ġwann il-Battista fl-24 ta' Ġunju u l-ħuġġieġa kienet titqabbad lejliet din il-festa, fit-23. Għal dan il-ħuġġieġ kont tara t-tfal minn filgħodu b'dik il-ħeġġa jġorru x-xewk niexef li ġeneralment kien ikun fi Triq Valletta quddiem Sqaq ir-Ramlija jew biex wieħed jifhem aħjar ħdejn l-għalqa taċ-Ċiċċu. Kienet speċi ta' pika ma' rħula

oħra tal-viċin, ta' min tkun l-ikbar waħda. Għal din il-ħuġġieġa ma kienx jonqos li min kien ikollu xi ħaġa għall-ħruq kien iġibha wkoll. Ma kienx jonqos li ġol-ħuġġieġa jintefa xi skartoċċ tal-gwerra jew bombi tal-festa. Il-ħuġġiega kienet issir f'dik il-pjazza żgħira fi Triq il-Kbira quddiem id-dar ta' Pawlu Ellul (Il-Kwattru) u quddiem id-dar ta' Ġan Maria Busuttil (ta' Soldi). It-triq ma kinetx bħal tal-lum, kienet tal-franka, u għalhekk il-pulizija kienet tippermetti li ssir u fuq kollox kienet tradizzjoni ta' żmien il-Kavallieri.

Xi ħaġa oħra fix-xahar t'Ottubru, kienet użanza li jingħad ir-ruzarju fit-tlieta ta' wara nofsinhar u filgħaxija għal kulħadd. F'dak iż-żmien ma kienx hawn dawl elettriku. Id-dawl fil-knisja kien bix-xemgħa jew bil-lampa tal-pitrolju. Qabel jibda r-rużarju t-tfal il-kbar ta' xi tnax-il sena kien l-għors tagħhom li f'dak id-dlam jaraw lil min sejrin jittantaw. L-iktar vittma kien ikun Anġlu Żabbettu. Dan kien joqgħod flok id-dar tal-kappillan eżatt maġenb il-każin tal-Banda San Leonardu. Dawn iż-żgħażagħ kienu jorbtu ħajta mal-ħabbata tal-bieb, jiġbduha u l-ħabbata tibda tħabbat. Fl-art portmoni vojt, meta jiftaħ il-bieb jitbaxxa biex jiġbru, jiġbdilu l-ħajt u wara jogħsfru għal ġol-knisja fejn xi ħmerija ma kinitx tonqos. Is-siġġijiet kienu tas-soda li maż-żmien tibda titqatta'. Mela kienu jsibu lil xi ħadd ikun bilqiegħda, kienu jorbtu s-soda ma' ħolqa taċ-ċinturin fil-qalziet biex meta jqum biex joħrog mill-knisja jġorr is-siġġu miegħu.

Meta wieħed iħares lejn dan kollu jikkonkludi li f'kull żmien kien hawn tfal imqarbin.